MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tal-15 ta' Gunju, 2017**

**Avviz nru 36/2017 AM**

**Lista Numru: 1**

**M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd C2521**

**103, Demajo House,**

**Archbishop Street,**

**Valletta VLT 1446**

**Vs**

**Silvio Sciberras (KI 390489M)**

**'S Sciberras Cash & Carry',**

**M.A. Sapiano Street,**

**Haz Zebbug**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-24 ta' Jannar, 2017 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet is-somma ta' elfejn sitta u sebghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,076.28c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu stess.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konfema u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' eflejn u sitta u sebghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,076.28c) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**